**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 19 ta' April, 2018

Rikors Nru : 488/17AL

**A B**

**Vs**

**Dr. Noel Cutajar u PL Mario Mifsud Bonnici**
**nominati kuraturi deputati b'digriet tal-24 ta' Jannar, 2018 biex jirrapprezentaw lil C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-esponenti A B [ID 204981M] kien izzewget lil C D liema zwieg kien gie kkontrattat fis-sitta (6) ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed (2001) [**Dok A**] mill-liema zwieg ma twieldux tfal.

Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tintavola dana ir-rikors permezz tad-digriet hawn anness u mmarkat bhala **Dok C**.

Illi kontestwalment ma dana r-rikors ser jigi pprezentat rikors ghal hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti C D.

Illi l-partijiet ilhom separati *de facto* minn xulxin ghal aktar minn 4 snin *stante* li ftit wara iz-zwieg is-sur D kien abbanduna lil esponenti.

Illi minn dik il-gurnata li is-sur D abbanduna lil esponenti u qatt ma kien hemm kuntatt u/jew xi tip ta' rikonciljament bejn il-partijiet.

Illi l-partijiet ma ghandhomx assi li jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom *stante* illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u l-esponenti tilfet kull kuntatt mal-intimat;

Illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment bejniethom.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet, li l-intimati jghidu ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Noel Cutajar u il-PL Mario Mifsud Bonnici, li permezz taghha jiddikjaraw :

1. Illi l-esponenti li mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxilhom jikkomunikaw mal-intimat minnhom rapprezentati;
2. Illi l-esponenti jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista' ghandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimat, u dan jekk ghandhom informazzjoni ohra, oltre dik diga ipprovduta fir-rikors;

3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Il-Qorti rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti;

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Jannar 2018;

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom *de facto* separati minn xulxin ghal aktar minn erba` snin;

Illi l-intimat abbanduna lir-rikorrenti u hija ma tafx fejn jinsab;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.